**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**-vs-**

**Omissis**
**u**
**Albert Aquilina, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 432159(M)**

***Kump. Nru. 482/2013***

Illum 10 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omissis u Albert Aquilina talli:

1. f'dawn il-Gżejjer, fl-1 ta' April, 2013 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2,329.37) ghad-dannu tad-Dipartiment tal-VAT;

2. kif ukoll talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew

maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprijaw riwehom, billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew kkunsinata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hadu u zammew ghandhom ammont ta' flus li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2,329.37) ghad-dannu tad-Dipartiment tal-VAT, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju;

3. kif ukoll talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz;

4. u aktar talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi, xjentement naqqsu li jaghtu kont ghal xi attivita` taxxabbli jew xi akkwist intra-Kommunitarju mwettqa minnhom fir-records, dokumenti u kontijiet mehtiega bl-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jew b'xi regolamenti maghmulin bis-sahha tieghu;

5. kif ukoll talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi, ghamlu denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li kienu jafu li ma kienux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali;

6. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, iffalsifikaw xi records, dokumenti jew kontijiet mehtiega li jinzammu taht l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jew hejjew jew ghamlu jew ghenu fit-thejjija jew fl-ghemil jew ghamlu uzu minn, xi records, dokumenti jew kontijiet foloz.

Il-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-**Ispettur Angelo Gafa** kien ta rendikont ta' dak li wassal sabiex jigu arrestati l-imputat u Omissis. Kollox inbeda meta l-pulizija rceviet rapport *"li Faith Garage ta Santa Venera li kellu VAT number 12290736 u li kien operat minn certu Maria Rosaria Calleja, kien ghal xi zmien jevadi t-taxxa*

*tal-VAT u dan rigwardanti ghal servizz ta taxi u minibus fejn allura kien gie allegat li f'dan ir-rapport anonimu kien qed ikun hemm evazjoni tat-taxxa fl-ammont ta madwar ghoxrin elf Euro fix-xhar. Filfatt dan ir-rapport kien jghid li t-tax payer kien qed jaghmel uzu minn zewg voucher books, li allura kien jirrigwardja l-bookings ta taxis u minibus, fejn allura wiehed mill-vouchers kien immarkat bl-ahmar u l-iehor bl-iswed. Kien gie dikjarat li kien biss is-sales dikjarati fil-vouchers is-suwed li kienu qed jigu ddikjarati mad-Dipartiment tal-VAT, mentri is-sales kollha u cioe dawk bl-ahmar u bl-iswed kienu qed jidhlu fis-sistema tal-computer tal-kumpannija u dan kien qed jaghmlu l-bookkeeper tal-istess kumpannija Albert Aquilina. Mela allura, f'kelma wahda dan ir-rapport kien qed jghid li s-sales tal-black vouchers kienu qed jigu dikjarati mad-Dipartiment tal-VAT, il-homor le, izda it-total taghhom tat-tnejn li huma kien xorta qed jigi entrat fis-sistema tal-computer ta dan il-garage."*

Ikompli li *"fi stqarrija bil-miktub is-Sur Aquilina kien stabilixxa li ghal dawk l-ahhar disa snin kien qed jaghmel xoghol klerikali go Faith Garage fosthom kien izomm il-kotba ta din is-socjeta, ikkonferma li Faith Garage tipprovdi servizz ta transport, kif ukoll servizz ta kiri ta vetturi, u dan ammetta li ghal dawk l-ahhar disa snin il-kumpannija kienet qed tevadi l-VAT partikolarment rigwardanti servizz ta transport u dana billi kienu qed jintuzaw zewg voucher books u allura kienet giet sostanzjata l-allegazzjoni fir-rapport li konna rcivejna u anki indika filfatt li wiehed mill-voucher books kien bl-ahmar u l-iehor bl-iswed. Ikkonferma li l-voucher books is-suwed kienu jirrigwardaw xoghol li l-kumpannija kellha b'kuntratt u allura kienet tithallas generalment fix-xhar, kontra invoice li kienet tinhareg lil klijent, mentri l-vouchers il-homor kienu jirrigwardjaw servizzi fejn il-kumpannija kienet tircievi cash payment. Ikkonferma li Faith Garage ma kinitx tohrog ircevuti fiskali ghal servizzi li kienu jitnizzlu fuq il-voucher books il-homor, ghal cash payments allura, u ghaldaqstant dawn is-sales qatt ma kienu qed jigu dikjarati mad-Dipartiment tal-VAT. Minn naha tieghu s-Sur Aquilina kkonferma wkoll li l-accountant tal-kumpannija s-Sur Emanuel Farrugia kien qed jigi biss fornut bl-entrati gol-voucher books is-suwed fejn allura dan stqarr maghna li ma kienx jaf bis-sistema tad-double vouchers system. Pero minkejja dan kollu s-Sur Aquilina stqarr maghna li fis-sistema tal-computer kien izomm rendikont taz-zewg voucher books biex allura s-socjeta tkun taf x'sales qed taghmel globalment u anki kien indikalna fejn kienu jinstabu storjati fis-sistema tal-computer, kien uriena l-folders, il-parts rispettivi fejn jinstabu fil-computer. Minn naha tieghu wkoll is-<u>Sur Aquilina ikkonferma fl-istqarrija li kien jaf li l-agir tieghu kien iwassal ghal evazjoni ta VAT u qal li kien jaghmel biss dak li kien qed jordnalu l-imghallem tieghu</u> f'dan il-kaz is-Sinjura Maria Rosaria Calleja li minn naha taghha wkoll kont interrogajtha,*

*wkoll wara d-debita twissija skond il-ligi, ukoll ammettiet li kienet tadotta din is-sistema tad-dual voucher system, u kkonfermat ukoll bazikament li kienu qed jiddikjaraw is-sales fil-voucher books is-suwed u qalet li xi kultant anki kienu jiddikjaraw xi whud minn dawk is-sales fil-voucher books il-homor. Stqarret is-Sinjura Calleja li kienet hi li kienet tissottometti r-returns tal-VAT u filwaqt li ammettiet allura li kienet qed tissottometti allura dikjarazzjonijiet foloz mal-VAT ghal numru ta snin ma kinitx kapaci tghid l-ammont ezatt li kienet evadiet. Qalet li kellha taghmel dan kollu minhabba li kellha spejjez kbar emanenti min-negozju taghha."*

Illi **Emmy Farrugia,** accountant ghall-Omissis, xehed illi l-imputat kien agixxa biss ta' skrivan fi hdan l-azjenda ta' Omissis, Faith Garage, u ma kellhu ebda rwol ezekuttiv fit-tmexxija tal-istess. Lanqas ma kien jiffirma il-VAT returns li kienu jghaddu ghand Farrugia.

Illi **Vincent Vella**, fi hdan l-Ispettorat tal-VAT spjega kif kif fil-kors ta' spezzjoni fuq Faith Garage *"innutajna li kellu set ta kotba li kienu bil-linka sewda u bil-linka hamra, set ta kotba li kien fihom invoices jew ircevuti. Issa innutajna li, saqsejnieh ghaliex, dak il-hin konna saqsejnieh ghaliex kellu dawn is-set ta kotba li kienu differenti wahda hamra u wahda sewda. Dak il-hin l-Ispettur kien eleva l-kotba u l-computer u morna lura d-Depo fejn gibed id-data mill-computer u mid-data, wara morna dakinhar jew l'ghada morna d-Dipartiment u hemmhekk innutajna li l-kotba s-suwed kien qed jiddikjarhom fil-VAT Return fejn il-kotba l-homor ma kinux qed jigu ddikjarati u t-tnejn kienu xoghol, dan kien hafna minnu huwa xoghol ta trasport ghax dan huwa garage fejn joffri s-servizzi ta transport dan il-Faith Garage...... Id-data tal-computer kienet tikkompara mac-chits is-suwed, ghax ahna meta ghoddejna, qed nghidilhom chits jiena, s-suwed, perjodu b'perjodu giet taqbel mad-data tal-computer. Jekk tghodd ic-chits is-suwed u c-chits il-homor hemmhekk ma tigix taqbel il-valuri hemm diskrepanza kbira li tigi iktar."*

Illi **Carmel Dimech**, spettur tal-VAT ikompli jaghti aktar dettalji dwar r-rizultanzi tal-ispezzjoni: *"wara l-inspection li saret fil-Faith Garage minn hemmhekk konna hadna numru ta kotba vouchers suwed u ohrajn sofor, print safra u print hamra, u box, clip file iehor li kien fih set ta invoices. Il-pulizija wkoll tawna zewg CDs li fuqhom kien hemm id-data li kien hemm fil-computer li gie mehud dakinhar tal-ispection, u dawn iz-zewg CDs kien fihom sensiela ta data maqsuma sena sena skond in-negozju ta dan il-Faith Garage. Issa kull file kien jismu data, database per ezempju u jkollok 2010, dan mbaghad kien sub-diviz bit-transport, bil-car hire u bl-expenses. Mela ghax l-allegazzjoni kienet jigifieri li kien hemm numru ta transactions li ma kinux*

*qed jigu rrapurtati ghand il-VAT department ahna qbadna din id-data li kienet fuq dawn ic-CDs, ergajna s-sub-dividejniehom skond it-tax periods ghax id-Dipartiment jaqsam tliet xhur tliet xhur is-sena jigifieri, mbaghad x'hin ghoddejna x'kien hemm fuq il-VAT return u x'hin ghoddejna dak id-data hadna kollox ahna gross jigifieri kollox qisu fih il-VAT fih allavolja dan il-business ghandu kemm negozju li fih il-VAT u kemm negozju li ma fihx VAT, per ezempju jien naf transport tal-istudenti tal-iskola huwa minghajr VAT imma jekk xi hadd icempel biex iwassal lil xi hadd mill-Hamrun sa Pembroke jew mill-Hamrun sa Paceville dik hija bil-VAT. Mela hadna kollox bhala total gross u hrigna dik id-differenza bejn dak li kien hemm iddikjarat bil-VAT u dak li rrizulta minn dawn it-tliet xhur tliet xhur tal-ledger.".* jikkonferma li Albert Aquilina mhux it-tax payer peress li l-azjenda kienet registrata fuq Omissis.

Illi xehed ukoll **Reuben Dalli** mill-Ispettorat li spjega li hu kien prezenti fit-tieni spezzjoni meta ngabbru xi kotba minn Faith Garage. *"Kellna f'idejna xi vouchers li gew elevati mill-premises u kellna wkoll kopja tad-data li giet minghand il-pulizija. Bazikament l-ezercizzju kien li kkomparajna d-data li kien hemm fuq id-data mal-vouchers li kellna f'idejna u x'gie dikjarat fid-denunzja tal-VAT, u hemmhekk kienu hargu xi diskrepanzi notevoli. Kienu hargu diskrepanzi bejn id-data li sibna fuq CDs ovvjament fejn kollox kien qieghed jigi ddikjarat, u l-vouchers li kellna f'idejna. Bazikament il-vouchers kien hemm zewg tipi, kien hemm wiehed bil-print sewda li kienu qed jigu dikjarati u ohrajn homor li ma kinux qeghdin jigu dikjarati."* Dan ix-hud ukoll itenni li Albert Aquilina qatt ma ffigura mad-Dipartiment tal-VAT.

Illi nhar it-3 ta' Novembru, 2016 l-imputata Omissis kienet rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi wara li l-Qorti qieset il-provi migbura f'dawn l-atti processwali tqis li gew ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi r-raba, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet addebitati lill-imputat.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghda tinstab hatja dwarhom, l-irwol limitat li kellhu l-imputat fl-agir kriminuz li kien qed isehh sabiex jibbenefikaw unikament Omissis u l-azjenda mmexxija minnha, tac-cirkostanzi l-ohra tal-kaz u tal-fedina penali netta tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 77 (a)(b)(c) tal- Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel tlett imputazzjonijiet, issibu hati tal-akkuzi l-ohra

kollha izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 30 xahar millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**